MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2010

Numru 363/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

vs

**CHRISTOPHER SAMMUT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Sammut ta’ 38 sena mwieled fil-14 ta’ Jannar 1972 gewwa Italja iben Emanuel u Josephine nee’ Ellul residenti gewwa ‘Samvel’ Triq Annibale Preca, Lija detentur tal-karta tal-identita bin-numru 538772(M).

Billi gie akkuzat talli fit-28 ta’ Marzu 2010 bejn is-7:30 u it-8:00 ta’ fil-ghaxija ikkommetta serq ta’ wallet tad-ditta

‘Gucci’ minn gewwa il-Casino Di Venezia li jinsab ix-Xatt Tal-Birgu, Birgu ghad-detriment ta’ Nassim Bennacer, liema serq huwa aggravat bil-hin, persuna u ammont liema ammont jeccedi is-somma ta’ 232.93 Euros (LM100) izda ma jeccedix is-somma ta’ 2392.4 Euros (LM1000).

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobli jew immobli u cioe ghamel hsara f’wallet u l-kontenut taghha, liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta’ Nassim Bennacer.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. FF3 u nnutat li l-imputat Christopher Sammut m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda hsara volontarja u konsegwentement talab lill-Qorti sabex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat li l-imputat, fl-ezami tieghu, wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christopher Sammut, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill- imputat Christopher Sammut ghall-piena ta’ seba’ (7) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Christopher Sammut jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Sammut l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------